taghrif minn Raymond Agius - Arkivista

# Mro. Joseph M. Barbara A.Mus.LCM

## Surmast Direttur Banda Żejtun (1978 – 1984)

## Ħames snin mill-mewt tiegħu



Mro. Joseph M. Barbara twieled Marsaxlokk nhar it-13 ta' April 1916, iżda ta' sentejn il-familja tiegħu telgħet iż-Żejtun fejn baqa' joqgħod. Huwa beda l-karriera mużikali tiegħu bħala alliev u bandist mal-Banda Beland. Is-Surmast Barbara beda jistudja t-teorija taħt is-surmast Jimmy Worley u l-armonija u kontrapunta taħt is-surmast Vicenzo Costa. Fl-1945 inħatar surmast direttur tal-Banda Santa Marija, Għaxaq. Fl-1960 inħatar surmast direttur tal-Banda Għaxaq. Kien surmast direttur tal-baned, Trinità Qaddisa, Marsa (1956) u l-Banda Żejtun (1978) Mro. Joseph Barbara miet nhar id-9 ta' Ġunju 2004 fl-età ta' 88 sena.

Fost ix-xogħlijiet li kkompona nsibu Innu Santa Katarina VM għall-banda Kor, Tenur u Baxx (1980) u Innu lis-Ssma. Trinità Qaddisa għall-Banda, Kor, tenur u Baxx (1957). Għal dawk li huma marċi popolari jissemmew id-Daniela u l-Vanessa. Il-marċ Daniela indaqq għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel fl-1982 waqt il-konkors tal-baned.



# Hector Berlioz

## (1803–1869)

## 140 Sena mill-Mewt tal-Kompożitur

Wieħed mill-akbar kompożituri famużi taż-żmien ir-Romantiku huwa Hector Berlioz. Hector Berlioz twieled La Cote San Andrè fi Franza nhar il-11 ta' Diċembru 1803, iben tabib. Fl-1821 missieru bagħtu Pariġi biex jistudja l-professjoni għal tabib, iżda Hector kien iżjed miġbud lejn il-mużika.

Beda jieħu xi lezzjonijiet tal-pjanu, iżda iżjed kien jippreferi l-flawt u l-kitarra. Xi żmien wara prova jidħol fil-Konservatorju ta' Pariġi iżda mingħajr suċċess, Hector Berlioz beda jistudja l-mużika fil-privat mal-Kompożitur Jean Francois Lesueur.



Fl-1826, irnixxielu jidħol fil-Konservatorju fejn beda jistudja taħt il-Professur tal-Kontraputt Anton Reicha. Wara erba' darbiet bla suċċess, fl-1830 Berlioz irexxileu jirbaħ il-Premju *Prix de Rome* bil-Kantata *Sardanapalus*.



Fl-1830 ikkompona l-famuża *Symphonie Fantastique* li l-isem *Episodju mill-Ħajja tal-Artist*. Dan ix-xogħol ġie esegwiet għall-ewwel darba nhar il-5 ta' Diċembru 1830 fil-Konservatorju ta' Pariġi taħt id-direzzjoni ta' Francois Antoine Habenech.

Fit-3 ta' Ottubru 1833 iżżewweġ lill-attriċi Irlandiża Harriet Smithson. Fl-1836 ikkompona r-Requiem kolossali bl-isem *Grande Messe Des Morts* ikkomponuta għall-orkestra kbira u kor. Dinir-requiem oriġinalment inkitbet biex tikkommemkora l-Mejtin tar-Rivoluzzjoni tal-1830 imma ġiet esegwieta fil-5 ta' Diċembru 1837 fl-okkażjoni tal-mewt tal-General Damrè mont.

Hector Berlioz miet Parigi nhar it-8 ta' Marzu 1869.